**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Marzu, 2025**

**Rikors Guramentat Nru: 738/2023 AF**

**Carmen Agius**

**vs**

**Rita Zarb**

**Susan Testa**

**Shiela Borg**

**Francis Cumbo**

**Grace Delia**

**Josianne Dimech**

**u**

**Mary Randich**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tar-rikorrenti Carmen Agius, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Hija s-sid tal-proprjetà u cioè tal-garaxx bl-isem "Regina", gja maghruf bhala garaxx bla numru markat bl-ittra B fi Triq Sant Antnin, Fgura, liema prorpjetà ippervjeniet lilha *per via succesionis* in segwitu ghal mewt ta' Antonio maghruf bhala Antonio Cumbo, li miet fl-20 ta' Jannar tas-sena 2006 (vide certifikat tal-mewt immarkat Dok. A).

L-istess Anthony Cumbo kien ghamel testment fil-15 ta' Jannar tas-sena 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Roberta Bisazza, liema testment jirregola s-successjoni tieghu (vide testment immarkat Dok. B u ricerki testamentarji immarkati Dok. C u Dok. D).

Permezz ta' dan it-testment, Anthony Cumbo irrevoka, hassar u annulla kull testment precedenti u innomina bhala eredi universali tieghu lir-rikorrenti Carmen Agius.

Fost il-proprjetà li halla lilha l-istess Cumbo, Carmen Agius wirtet il-garaxx indikat aktar 'il fuq.

L-intimati ressqu diversi proceduri gudizzjarji kontra r-rikorrenti f'tentattiv li jannullaw it-testmentta' Anthony Cumbo. Tali azzjonijiet ma kellhomx success ghalihom u dan kif gie kkonfermat fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar it-30 ta' Novembru 2022, fis-sentenza fl-ismiiet Buttigieg Carmela et vs Agius Carmen (1178/07) (Dok. E).

Minkejja dan, l-intimati baqghu izommu fil-pussess taghhom il-garaxx imsemmi, u dan minkejja li ma ghandhom l-ebda jedd legali li jaghmlu dan u wisq anqas l-ebda titolu legali fuq tali proprjetà, u dan a pregudizzju kbir tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti kellha tressaq dan ir-rikors ghaliex l-intimati, minkejja numru kbir ta' interpellanzi baqghu jirrifjutaw illi jaghtu cwievet u l-pussess tal-imsemmi garaxx lir-rikorrenti.

Ghalhekk ir-rikorrenti ma kellhiex triq ohra ghajr illi tressaq din il-kawza quddiem din il-Qorti.

Ghalhekk l-intimati, fil-kawza odjerna ma ghandhom l-ebda linji difensjonali x'jaghtu in kontro-trattazzjoni ghat-talba tar-rikorrenti u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kollha sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.

Ir-rikorrenti taf dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tilqa' t-talba ghall-izgumbrament tal-intimati bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna l-izgumbrament tal-intimati mill-proprjetà u cioè mill-garaxx bl-isem "Regina", gja maghruf bhala garaxx bla numru markat bl-ittra B fi Triq Sant Antnin, Fgura fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 6 ta' Awwissu 2019 u bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni tal-intimati.

B'rizerva ghal azzjonijiet ulterjuri kontra l-intimati inkluz u mhux limitat ghad-danni subiti mir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi fl-udjenza tat-12 t'Ottubru 2023, wara li ħadet konjizzjoni tan-nota t'oġġezzjonijiet tal-intimati, il-Qorti akkordat lilhom terminu t'għoxrin jum sabiex iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom għat-talbiet attriċi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Rita Zarb, Susan Testa, Shiela Borg, Francis Cumbo, Grace Delia, Josianne Dimech u Mary Randich, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Fl-ewwel lok qed jigi umilment eccepiet li l-procedura odjerna, u cioè dik mahsuba taht l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, mhix wahda applikabbli fil-fatt. Id-dicitura uzata taht il-provvediment fuq imsemmi tirreferi ghal relazzjoni guridika li tinvolvi sid ta' fond u kerrej, liema relazzjoni guridika hija ghal kollox nieqsa fil-kaz odjern, u dan minghajr ombra ta' dubju.

It-tieni lok qieghed jigi ulterjorment eccepiet li r-rikorrenti naqset ghax ma resqet ebda prova dokumentarja tal-assi tad-decujus u ghalhekk naqset milli tipprova univokament it-titolu taghha ai termini tal-ligi fuq il-fond in kwistjoni u dan cioè il-garaxx Regina, fi Triq Sant'Antnin, Fgura jappartjeni lilha.

Fit-tielet lok proprju fuq dan qieghed jigi sottomess li in vista tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Novembru 2022, ir-rikorrenti kellha tottempora ruhha ma dak illi jipprovdi l-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li ghad hemm in-nuqqas min-naha tal-istess tad-dikjarazzjoni casua mortis, u l-hlasijiet relattivi, kif jistabilixxu il-provvedimenti, baqghu ma gewx esegwiti. Dan precizament dak stipulat fl-Artikolu 63(1) tal-istess.

Fir-raba' lok fuq dan id-dawl ta' dan il-provvediment, ir-rikorrenti ma setghetx tibda jew tmexxi kwalsiasi procediment legali, inkluz dak provdut in virtù tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tal-proprjetà de qua agitur meta din kellha tidhol fid-dikjarazzjoni suindikata u dan ghax biha kien ikun hemm l-indikazzjoni tal-proprjetà tad-decujus u ghalhekk tenut kont ta' dan kollu. L-esponenti ghandhom kull interess li jitolbu lil din il-Qorti d-dikjarazzjonijiet mehtiega fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' dina x-xorta kif imiss, u li tinkludi l-garaxx Regina fi Triq Sant Antnin, Fgura.

Fil-hames lok fuq dan un invista ta' dan huwa espost u sottomess l-esponenti jirreferu wkoll ghall-Artikolu 63(2) tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta, in virtù ta' xhiex din il-procedura taht l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha titwaqqaf minnufih, u ma tistax titkompla ghax fin-nuqqas tad-dikjarazzjoni surreferita, qed jigi sottomess li din l-Onorabbli Qorti ma jista' qatt ikollha c-certezza legali rikjesta fir-rigward

tat-titolu fuq issotolinejat.  Mhux biss ma dan irid jinghad ukoll li l-esponenti jikkontendu li ma hemmx l-applikabilità tas-sub-artikolu 4 tal-istess artiklu 63 ghax it-terminu ghas-sottomissjoni ta' tali denunzja ossija causa mortis beda jiddekorru mill-jum tas-sentenza meta hija giet dikjarata legalment bhala werrieta.  Kwindi l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti kellha tipprezenta tali dikjarazzjoni ai termini tal-ligi u baqghet sal-lum ma ghamlitx dan.

Fis-sitt lok permezz tal-procedura maghzula mir-rikorrenti hija ghazlet li tmur f'opposizzjoni ghal dak miftiehem mill-partijiet u cioè dak maqbul fir-rigward tal-qsim tal-wirt li jappartjeni lill-familha, stante li issa, r-rikorrenti hija werrieta flimkien maghhom u addirittura il-procedura maghzula mir-rikorrenti iggib fix-xejn l-istess ftehim.

Fis-seba' lok l-eccipjenti ghandhom jiehdu minghand l-wirt ta' decujus u dan skond kuntratt ta' self quddiem in-Nutar Joseph Lia datat 16 ta' Lulju 2003 fl-ammont ta' Lm10,000 li kien sar minn Carmelo Cumbo li huma dovuti kif ukoll li skond konvenju li kien già ffirmat quddiem l-istess Nutar Joseph Lia datat 16 ta' Lulju 2003 li fih hemm dikjarat li d-decujus ircieva s-somma ta' ta' Lm13,000 minghand Carmelo u Mary Randich li huma dovut kif ukoll il-hlas tas-somma ta' Lm1800 f'self brevi manu u s-somma ta' Lm450 spejjez tal-funeral li huma dovuti.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti qegħda tfittex illi tikseb l-iżgumbrament tal-intimati mill-garaxx bl-isem 'Regina' gia magħruf bħala garaxx bla numru mmarkat bl-ittra 'B', fi Triq Sant'Antnin, il-Fgura liema proprjetà ntirtet mir-

rikorrenti mill-poteri ta' Antonio *sive* Anthony Cumbo li miet fl-20 ta' Jannar 2006. B'testment tal-15 ta' Jannar 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Bisazza, Cumbo ħassar kull testment preċedenti u nnomina lir-rikorrenti bħala eredi univerali tiegħu.

L-intimati eċċepew fl-ewwel lok illi kawża ta' din ix-xorta ma tistax titmexxa bid-dispensa tas-smigħ. Din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata fil-mument illi l-Qorti awtorizzat lill-intimati jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom.

L-intimati eċċepew ukoll illi ai termini tal-Artikolu 63(1) tal-Kap. 364 ir-rikorrenti ma setgħet qatt tipproċedi b'din il-kawża stante illi hija naqset milli tagħmel dikjarazzjoni *causa mortis*.

Fil-mertu l-intimati eċċepew illi r-rikorrenti kisret kull ftehim li seta' kien hemm bejn il-werrieta fir-rigward tal-qsim tal-wirt ta' Antonio *sive* Anthony Cumbo. Eċċepew ukoll illi in ogni każ huma għandhom jitħallsu xi flus mill-writ in virtù ta' kuntratt ta' self data 16 ta' Lulju 2003 fl-atti tan-Nutar Joseph Lia.

Qabel tinoltra fil-mertu tal-vertenza l-Qorti trid tabilħaqq tistabbilixxi jekk ir-rikorrenti għandiex jedd tipproċedi bil-kawża tal-lum. F'dan ir-rigward l-intimati jistrieħu fuq dak illi jipprovdi l-Artikolu 63(1) tal-Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta liema disposizzjoni tipprovdi hekk:

> *(1) Ebda persuna li hi marbuta li tagħmel dikjarazzjoni jew li ddaħħal avviż dwar trasferiment causa mortis dwar trasferiment taxxabbli jew li għandha tħallas it-taxxa skont xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma tista', wara li jgħaddi ż-żmien preskritt għall-egħmil ta' dik id-dikjarazzjoni jew avviż tibda jew tmexxi proċedimenti legali, jew tagħmel xi talba f'xi dipartiment tal-Gvern, dwar xi proprjetà li għandha tidħol f'dik id-dikjarazzjoni jew avviż jekk ma jiġix muri li d-dikjarazzjoni jew avviż tkun saret kif imiss u tinkludi l-proprjetà li għaliha jirreferu l-proċedimenti jew it-talba.*

L-intimati jgħidu wkoll illi l-Artikolu 63(4) tal-Kap. 364 ma jistax isib applikazzjoni għall-każ ta' llum. Din id-disposizzjoni taqra hekk:

> *(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux wara li jgħaddu għaxar snin mit-trasferiment causa mortis relattiv.*

L-Artikolu 63(1) tal-Kap. 364 jistipula illi ebda proċeduri legali dwar proprjetà mmobbli provenjenti minn wirt ma jistgħu jitressqu 'l quddiem qabel ma tkun saret id-dikjarazzjoni *causa mortis* kif mitluba mil-liġi. Dan il-provvediment huwa maħsub sabiex jassigura l-ħlas tat-taxxa relattiva għat-trasferiment tal-proprjetà *causa mortis* waqt illi jipprekludi sitwazzjonijiet fejn werriet imexxi bi proċeduri legali sabiex jipproteġi l-interessi tiegħu bħala tali waqt illi jevadi t-taxxa.

Fil-każ tal-lum, senjatament waqt l-udjenza tal-15 t'April 2024, ir-rikorrenti ddikjarat illi kienet għada ma ppubblikatx dikjarazzjoni *causa mortis* dwar il-proprjetà mertu ta' din il-kawża.

L-intimati jikkontendu wkoll illi lanqas ma jista jsib applikazzjoni s-subinċiż (4) tal-Artikolu 63 tal-Kap. 364 għaliex fil-fehma tagħhom it-terminu għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni *causa mortis* beda jiddekorri minn dakinhar tas-sentenza definittiva li biha l-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-validità tat-testment tad-*decujus*. Mill-atti jirriżulta li b'kawża numru 1178/07 fl-ismijiet Carmela Buttigieg et vs Carmen Agius din il-Qorti diversament preseduta ċaħdet it-talba tal-atturi għat-tħassir tat-testment ta' Antonio *sive* Anthony Cumbo magħmul minnu fil-15 ta' Jannar 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Bisazza. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Novembru 2022.

F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel illi qabel ma kien hemm dikjarazzjoni mill-Qorti dwar il-validità tat-testment ta' Antonio *sive* Anthony Cumbo ma setax ikun hemm ċertezza illi r-rikorrenti Carmen Agius hija tassew l-eredi ta' Anthony Cumbo. Żgur għalhekk illi f'tali ċirkostanzi r-rikorrenti ma kienet tenuta tagħmel ebda dikjarazzjoni *causa mortis*.

Il-Qorti però ma taqbilx mal-eċċezzjoni tal-intimati illi għall-każ tal-lum ma jistax isib applikazzjoni s-subinċiż (4) tal-Artikolu 63.

L-intimati qegħdin jinterpretaw din id-disposizzjoni b'mod tali li t-terminu preskrittiv jgħodd minn mindu, f'każ ta' kontestazzjoni tal-wirt, ikun hemm id-deċizjoni finali tal-Qorti. Il-Qorti però ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni. Dan is-subinċiż jistipula illi "d-dispożizzjonijiet *ta' dan l-artikolu ma jgħoddux wara li jgħaddu għaxar snin mit-trasferiment causa mortis"*. It-trasferiment tabilħaqq isir biss wara l-mewt tal-*decuius* li fil-każ tal-lum tirriżulta illi ġrat fl-20 ta' Jannar 2006 u mhux minn dakinhar li ssir id-dikjarazzjoni *causa mortis* għaliex fl-aħħar mill-aħħar id-dikjarazzjoni *causa mortis* mhix intiża bħala att ta' trasferiment tal-proprjetà iżda biss bħala dokument permezz ta' liema wieħed jagħti rendikont tal-eredità u jħallas it-taxxa tas-suċċessjoni fuqha. Dan għalhekk ifisser illi l-kundizzjoni imposta mil-ligi citata titlef l-effett taghha, limitatament ghall-fini ta' proceduri ta' din ix-xorta, wara li jghaddu ghaxar snin. Dan bl-ebda mod m'ghandu jitqies bhala eżenzjoni mill-hlas tat-taxxa.

Għalhekk, il-Qorti sejra tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati.

Fil-mertu, din il-kawża hija mmirata lejn il-kisba tal-iżgumbrament tal-intimati mill-garaxx in kwistjoni. Din il-Qorti semgħet ix-xhieda tal-intimata Mary Randich li bl-akbar skjettezza xehdet illi:

> "*Il-garaxx bl-isem Regina mertu ta' din il-kawża kien ta' ħija u issa wirtitu Carmen Agius*." (a fol. 68)

Randich issoktat tgħid illi ċ-ċwievet ta' dan il-garaxx qegħdin fil-pussess tagħha "*għaliex ħija għandu jagħtina fuq il-garaxx*". (a fol. 68).

Mill-atti jirriżulta li r-raġuni għaliex l-intimati għadhom sa llum iżommu l-pussess tal-garaxx hija dovuta għal dejn li jallegaw li għandhom fil-konfront tal-eredità tad-*decujus*. *Ammesso ma non concesso* li l-intimati għandhom xi jedd fil-konfront tal-eredità ta' Cumbo, il-fatt jibqa' li ma jistgħux iżommu l-pussess tal-garaxx in kawtela tad-drittijiet tagħhom. Jekk kemm il-darba l-intimati għandhom xi jedd fil-konfront tal-eredità kien messhom ipproċedew legalment. Li wieħed jieħu l-liġi f'idejh żgur mhuwiex permissibbli jew tollerabbli. Kwalsiasi drittijiet li

talvolta jista' jkollhom l-intimati hija kwsitjoni li tmur lil hinn mill-parametri tal-kawża li trid tiddeċiedi din il-Qorti llum. Il-parametri ta' din l-azzjoni huma il-jedd tar-rikorrenti għall-wirt ta' Cumbo liema jedd ġie kkonfermat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell u l-konsegwenti dritt li tikseb il-pussess ta' dak il-laxxitu.

Ferm il-premess il-Qorti tqis illi ma teżisti ebda raġuni fil-liġi għaliex l-intimati għandhom jibqgħu fil-pussess tal-garaxx li bi dritt jispetta lir-rikorrenti. Għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet attriċi għall-iżgumbrament tal-intimati mill-imsemmi garaxx.

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba u tal-ewwel eċċezzjoni stante li din ġiet sorvolata;

2. Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet;

3. Tilqa' t-tieni talba u todna l-iżgumbrament tal-intimati mill-garaxx bl-isem 'Regina', gja magħruf bħala garaxx bla numru mmarkat bl-ittra B fi Triq San Antnin, Fgura fi żmien xahar minn dakinhar li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

L-ispejjez ta' din il-kawża u dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 2962/19 tas-6 t'Awwissu 2019 jitħallsu mill-intimati.

IMHALLEF

Deputat Registratur